**87. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido De Marco jipproponi:**

Billi hu maħsub fl-artikolu 2 tal-Att tal-1988 dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji) (Att Nru. X ta' l-1988) li għandu jkun hemm Kumitat magħżul tal-Kamra tad-Deputati li jkun magħmul minn ħames membri, li minnhom wieħed ikun il-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet, li jkun ukoll iċ-Chairman, u erba' oħra maħtura mill-Kamra li minnhom tnejn ikunu minn fost il-membri li jkunu jappoġġaw lill-Gvern u t-tnejn l-oħra jkunu minn fost membri mill-Oppożizzjoni, u billi hu wkoll maħsub li l-Kamra għandha taħtar ukoll membru sostitut għal kull wieħed mill-imsemmija erba' membri, liema membru sostitut ikun maħtur minn fost l-istess naħa tal-Kamra tal-membru li jkun sostitut għalih u li jattendi għal-laqgħat tal-Kumitat tal-Kamra meta l-Membru li tiegħu jkun sostitut ikun indispost jew għal xi raġuni oħra ma jkunx jista' jattendi;

Għalhekk il-Kamra tirriżolvi illi taħtar minn fost il-membri li jappoġġaw lill-Gvern bħala membri tal-imsemmi Kumitat magħżul li jkollu bħala Chairman l-Onor. Perit Michael Falzon, Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura, lill-Onor. Perit Ċensu Galea u l-Onor. Ray Bondin, u bħala sostituti għalihom l-Onor. Assistent Spiżjar Michael Bonnici u l-Onor. Avukat Frendo rispettivament, u illi tgħaddi biex taħtar liż-żewġ membri fuq l-istess Kumitat minn naħa ta' l-Oppożizzjoni, kif ukoll is-sostituti rispettivi tagħhom, malli l-ismijiet tal-istess jiġu kommunikati skond dak li hemm maħsub fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni.

22.07.1988